MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 932/2002

**L-Avukat Paul Pullicino bhala mandatarju tal-assenti Tabib Dottor Joseph Xuereb, Membru tal-Kunsill Mediku.**

**-vs-**

**1. L-Imhallef Victor Caruana Colombo, President**
**2. Ir-Reverendu Professur Emmanuel Agius**
**3. Il-Professur Godfrey La Ferla**
**4. Il-Professur Frederick F. Fenech**
**5. Dottor Herbert Messina Ferrante**
**6. Dottor Conrad Azzopardi**
**7. Mr. Frederick Zammit Maempel**
**8. Dottor Frank Vella Bardon**
**9. Mr. George Buttigieg**
**10. Dottor Charles Boffa**
**11. Dottor Carm Lino Vella**
**kollha membri tal-Kunsill Mediku**
**12. Il-Kunsill Mediku**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Awissu, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur, Dottor Joseph Xuereb, huwa tabib mediku u fl-istess waqt membru tal-Kunsill Mediku u l-konvenuti huma l-istess Kunsill Mediku w l-membri l-ohra tieghu;

Illi l-konvenuti formanti l-Kunsill Mediku iddecidew illi jiddiksutu fil-31 ta' Lulju, 2002, mozzjoni fil-Kunsill Mediku li titlob ic-censura u sfiducja tal-attur proposta mill-konvenut Laferla jekk l-attur jirtirax allegazzjonijiet li l-attur ghamel waqt diskors ma' tabib iehor f'Frar, 2002, liema diskors gie ghall-konjizzjoni tal-istess konvenuti;

Illi l-attur ghandu d-dritt tal-espressjoni libera li huwa biss limitat mill-ligijiet esistenti tal-pajjiz li jisalvagwardjaw u jaghtu rimedji, kemm civili u kemm kriminali, lil kull persuna li jidhrilha illi l-attur mar oltre dawn il-ligijiet, u sahansitra fost dawn il-ligijiet hemm l-poter tal-Kunsill Mediku illi tinvestiga u tiddixxiplina persuni tal-professjoni medika ghall-kondotta taghhom bhala membri tal-professjoni medika skond il-poteri moghtija lill-istess Kunsill Mediku mill-Kapitlu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

U illi l-Kunsill Mediku qieghed jittanta illi jiddixiplina u jiccensura lill-attur ghall-kondotta tieghu bhala tabib professjonist mediku minghajr ma tigi segwita l-procedura stabbilita mill-istess Kapitlu 31, u minflok l-konvenuti qeghdin jittantaw jinqdew b'proceduri nterni tal-Kunsill Mediku sabiex jiccensura lill-attur "qua" membru tal-istess Kunsill Mediku, liema azzjoni tal-konvenuti hija illegali u "ultra vires";

U illi l-attur talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (1603/2002) in kawtela tad-drittijiet tieghu liema rikors tieghu gie milqugh b'digriet datat 7 ta' Awissu, 2002 fuq il-premessa illi l-

adozzjoni ta’ proceduri nterni tal-Kunsill Mediku sabiex jigi censurat l-attur “qua” membru tal-istess Kunsill Mediku hija llegali u “ultra vires” il-poteri tal-istess Kunsill Mediku.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

(1) Tiddikjara illi l-agir fuq imsemmi tal-konvenuti huwa illegali u “ultra vires” il-poteri tal-istess Kunsill Mediku;

(2) Tikkonferma l-imsemmi digriet taghha tas-7 ta’ Awissu, 2002 fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni (1603/2002) fil-konfront tal-konvenuti;

(3) Bl-ispejjes ta’ dan l-att u dawk tal-istess Mandat ta’ Inibizzjoni (1603/2002) kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur nomine mahlufa minn Dr. Paul Pullicino u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fis-6 ta’ Novembru, 2002 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

Fl-ewwel lok in-nuqqas ta’ *locus standi* tal-konvenuti L-Imhallef Victor Caruana Colombo, Ir-Reverendu Professor Emmanuel Agius, il-Professur Godfrey Laferla, il-Professur Frederick F. Fenech Dottor Herbert Messina Ferrante, Dottor Conrad Azzopardi, Mr. Frederick Zammit Maempel, Dottor Frank Vella Bardon, Mr. George Buttigieg, Dottor Charles Boffa, Dottor Carm Lino Vella li qed jigu mharka fil-kwalita personali taghhom u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Fit-tieni lok, in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti li tinibixxi lill-konvenut il-Kunsill Mediku milli jezercita funzjonijiet moghtija lilu bil-ligi a tenur tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u li tissindika l-operat tal-Kunsill Mediku

meta dan ghadu fi stadju preliminari u ghada ma ttiehdet l-ebda decizjoni fil-konfront ta’ l-attur;

Fit-tielet lok, u fi kwalsiasi kaz, ma hemm l-ebda operat li hu in eccess tal-funzjonijiet tal-Kunsill Mediku fil-ligi;

Fir-raba lok, in-nullita tat-tieni talba attrici stante li l-mod kif imposta tiprospetta li din il-Qorti tinibixxi lill-konvenuti in perpetwu minghajr ma tiddeduci l-veru mertu;

Fil-hames lok illi l-Av. Paul Pullicino jrid jaghti prova tal-mandat tieghu;

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ April, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta’ llum wara li semghet lill-Avukati tal-partijiet.

Ikkunsidrat.

Illi l-attur qed jitlob dikjarazzjoni li d-decizjoni li ha l-Kunsill Mediku f’Lulju 2002 illi jitlob ic-censura u nuqqas ta’ fiducja tieghu hija *ultra vires* il-poteri ta’ l-istess Kunsill. Billi huwa kien ottjena mandat ta’ inibiizzjoni fil-konfront tal-Kunsill dwar din id-decizjoni, qed jitlob ukoll konferma tal-mandat.

Il-kwistjoni bejn il-partijiet bdiet meta l-attur li kien membru tal-Kunsill Mediku kellhu disgwid mall-membri l-ohra fuq zjara li kien ghamel f’Malta certu Dr. Leonard Harvey, membru tat-TAIEX u cioe’ Technical Assistance Information Exchange. L-attur skond kif xehed hu stess ma kienx kuntent bil-mod kif il-Kunsill kien qed jimxi dwar certi allegazzjonijiet u tkellem dwar dan ma’ Harvey. Il-

membri l-ohra naturalment ma kienux kuntenti b’dan u giet intavolata mozzjoni ta’ censura fil-

konfront ta’ l-attur illi kien allura ottjena l-mandat imsemmi u naturalment kellu jibda dawn il-proceduri.

L-attur kif gia’ inghad qed isostni illi l-Kunsill ma setax jghaddi din il-mozzjoni ai termini tal-ligi illi tikkostitwixxih. Qed jghid li l-Kunsill minflok adotta l-procedura stabbilita mill-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jipprova jghaddi din il-mozzjoni. Il-kunsill qed jghid da parti tieghu illi huwa ma kienx qed jiehu passi kontra l-attur fir-rigward tal-professjoni tieghu izda bhala membru ta’ l-istess Kunsill.

Il-Qorti taqbel ma’ dak li qed jinghad mill-Kunsill. Infatti l-mozzjoni kif giet proposta tghid; *that in the absence of such justification of his comments, a vote of no confidence be passed at the next meeting of the Medical Council.* Ic-censura, kif anke irrimarkat il-Qorti fid-digriet li akkorda l-mandat imsemmi, kienet tirrigwardja l-kondotta tal-attur bhala membru tal-Kunsill. Izda din il-Qorti ma taqbilx li din kellha tkun gustifikazzjoni biex il-Qorti taghti ragun lill-attur ghalkemm seta’ kien hemm ragunijiet ohra ghala l-hrug tal-mandat kien necessarju. L-attur kien pre-okkupat u forsi kellu ragun dak iz-zmien anke in vista tal-fatt li kif qal hu ghandu esperjenza kbira bhala membru fil-kunsill illi dan il-vot kellu jkun il-bidu ta’ proceduri aktar serji. Madankollu l-Imhallef Caruana Colombo, dak iz-zmien President tal-Kunsill ghamilha cara illi *ma kienitx l-intenzjoni sa dak iz-zmien u lanqas wara li jkun hemm charge kontra Dr Xuereb.*

Fil-fehma tal-Qorti l-ligi ma ghandhiex ghalfejn tiddikjara li Bord jew Kunsill ikun jista’ jippropni vot ta’ nuqqas ta’ fiducja

f’xi membru tieghu, minhabba l-kondotta ta’ dak il-membru bhala tali. Il-Qorti m’hijiex ser tidhol fil-kwistjoni jekk f’dan il-kaz il-Kunsill kienx ser ikun gustifikat li jipproponi tali vot ghaliex allura jkollu jidhol fil-kwistjoni ta’ jekk l-

allegazzjonijiet li ghamel ma' Dr. Harvey kienux gustifikati jew le, haga li zgur m'hijiex mertu ta' din il-kawza. Anke pero' l-

Kapitolu 94 tal-Ligijiet ta' Malta li kien l-Att kostituttiv tal-Kunsill fil-waqt li jelenka d-dmirijiet tal-Kunsill fl-Artikolu 23 u cioe' li jaghtu pariri lill-President ta' Malta fl-ghoti ta' licenzji lit-tobba, izomm registru tal-professjoni, jistabillixxi u jzomm il-livelli professjonali u etici u li jaghit pariri lill-Ministru tas-Sahha dwar kull haga li tolqot il-professjoni, ma jistabilixxi ebda procedura kif ghandu jimxi l-istess Kunsill dwar il-mod kif normalment jimxi kwalunkwe kumitat. Allura zgur hu fil-poter ta' kull Kunsill anke jekk stabbilit b'ligi li jipproponi vot ta' fiducja jew censura f'membru tieghu – dejjem bhala tali u mhux bhala membru tal-professjoni li dwarha il-Kunsill irid jiddecidi.

Ghandhom ragun allura l-konvenuti jeccepixxu li l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni f'dan l-istadju – kien ikollha jekk u meta il-vot ta' censura kien jghaddi ghax allura l-attur imbghad kien ikun jista' jitlob dikjarazzjoni li l-vot ma kellux jghaddi ghar-ragunijiet li seta' iqajjem. Kif gie rimarkat waqt it-trattazzjoni hafna mill-mertu tal-kawza intilef minhabba li l-Kunsill kif kien kostitwit gie abolit b'Att iehor. Il-Qorti ser tiehu dan in konsiderazzjoni kif anke tiehu in konsiderazzjoni li l-kaz twieled minn disgwid, meta tiddecidi dwar il-Kap ta' l-ispejjes.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-tieni u tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-talbiet ta' l-attur – l-ispejjes minhabba dak li gia' inghad, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------